MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Lulju, 2010

Numru 1222/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sandra Zammit)**

**vs**

**MURIEL MICALLEF**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Muriel Micallef, ID 443080(M) bint Martin u Natalie nee' Galea, mwielda Pieta' fit-28/09/1980 u residenti gewwa No.11, Triq Sir Fredrick C. Ponsonby, Gzira, GZR 02.

Billi giet akkuzata talli fid-9 t'Ottubru, 2009 ghall-habta ta' bejn it-03.30pm u 03.45pm gewwa Triq Hal-Mula, Haz-Zebbug kkommettiet hsara volontarja fuq il-vettura tal-

ghamla Toyota bin-numru tar-registrazzjoni LYN 010, a detriment ta’ Lindsay Ann Mangion, liema hsara ma teccedix l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69), izda teccedi l-mija u sittax –il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47),

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ikkagunat lil Lindsay Ann Mangion griehi ta’ natura hafifa skond kif iccertifika Dr. Paul A. Mangion M.D tal-Polyclinic ta’ Floriana,

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkagunat lil Lindsay Ann Mangion u lil Diane Julie Scerri jibzaw li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta’ taghhom,

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebbet kontra Lindsay Ann Mangion u Diane Julie Scerri sabiex tingurjhom, iddejaqhom jew taghmlilhom hsara,

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kisret il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b’ghajjat u glied,

U aktar talli fl-istess data, hin u permezz ta’ telefonata bi kliem heddedt u ngurjat lill-Anne Zammit.

L-esponent talab lil din l-onorabbli Qorti, meta jidhrilha xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta’ tal-persuna ta’ haddiehor jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b’obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta’ somma ta’ flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok SZ3 u nnutat li l-imputata Muriel Micallef m’ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputata fl-ezami taghha wiegbet li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata wiegbet li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 325(b), 221(1), 251(B), 339(1)(d), 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputata Muriel Micallef, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi il-fedina penali netta tal-imputata u li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-kawza, tillibera lill-istess imputata Muriel Micallef taht il-Provvediment tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum u inoltre tikkundanna lill-imsemmija imputata Muriel Micallef ghall-piena ta’ mitejn u tlieta u tletin Euro (Euro233) multa.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputata Muriel Micallef b’obbligazzjoni personali ta’ elf u hames mitt Euro (Euro 1500) li zzomm il-kwiet ma’ Lindsay Ann Mangion u Diane Julie Scerri u li zzomm il-bonordni pubbliku ma’ kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputata Muriel Micallef l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------